MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 117/7

It-Tnejn 18 ta' Frar 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

117.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

117.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (116/7 [28/01/19])

117.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

117.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

117.5 Rapporti;

117.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Development Planning Fund – Ftehim – Triq iż-Żebbuġa, Triq J. Pace u Triq id-Dejqa.
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress

117.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

117.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-7.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**117.0.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

117.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino kien informa illi kien jinsab indisposti u għalhekk ma setax jattendi għal din il-laqgħa. B'mod unanimu l-Kunsill qabel illi għal kull buon bini tal-proċedura, is-Sur Baldacchino għandu jiġi konsidrat bħala skużat u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tiegħu dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**117.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (116/7 [28/01/19])**

117.2.1 Dawn il-minuti 116/7 li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier is-Sur Fenech ssekonda li dawn il-minuti 116/7 (28/01/19) jiġu approvati.

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**117.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

117.3.1 Qtugħ tal-ħaxix mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li sar xogħol f'dawn l-inħawi segwenti:

Ħdejn il-ġibjuni
Triq il-Gudja (fil-konfini tal-Gudja ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa)
Triq Ħal Safi

117.3.2 Double yellow line fi Triq Ħal Resqun. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsir dan is-sinjal tat-traffiku sabiex ikun hemm aktar ordni. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni meħtieġa lit-TM (skont proċedura preżenti) sabiex fil-biċċa li tagħlaq fi Triq Ħal Resqun kantuniera ma' Triq il-Fidwa jsiru dawn is-sinjali.

Sospensjoni tal-Aġenda

Kif kien miftiehem il-Kunsill laqa' lill-uffiċjali tas-Soċjetà Filarmonika La Stella s-Sur Michel Mifsud u s-Sur Clayton Zammit sabiex jindirizzaw lill-Kunsill.

Is-Sur Mifsud qal li bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tal-għeluq tal-mitt sena huma xtaqu jkomplu jqajmu l-kuxjenza ambjentali billi jħawlu 10 siġriet parti mill-proġett 34U f'post addattat fil-Gudja.

Issemmew diversi postijiet fosthom Ta' Ħmis, ħdejn Ġnien il-Kmand, Ġnien iż-Żgħażagħ kif ukoll f'inħawi ta' Ġnien il-Qari li fih spazju addattat għal dan il-proġett.

Dawk preżenti qablu li jfittxu l-parir tal-espert is-Sur Alfred Baldacchino sabiex dawn is-siġar ikunu siġar endemiċi li jixirqu l-ambjent tal-madwar.

Sar qbil ukoll li jkun hemm plakka li tfakkar din l-okkażjoni.

Punt ieħor li ġie diskuss kien ix-xogħol ta' Triq iż-Żebbuġa li sejjer iwettaq il-Kunsill biswit il-bini tal-Każin tas-Soċjetà fit-tarf ta' din it-triq.

Sar qbil li d-diriġenti tal-Każin jiddiskutu dak meħtieġ kemm mal-perit kif ukoll mal-kuntrattur appuntat malli dan ix-xogħol jibda jitwettaq sabiex isir dak li jkun meħtieġ fl-aħjar interess kemm tal-Kunsill kif ukoll tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.

Filwaqt li rringrazzjaw il-Kunsill għal din il-laqgħa l-uffiċjali tas-Soċjetà Filarmonika La Stella ħallew il-laqgħa fis-7.28pm

Tkompli tal-laqgħa

117.3.3 Double yellow line f'Wesgħet Anġlu Dalli. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru dawn is-sinjali sabiex ikun hemm aktar ordni f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni meħtieġa lit-TM (skont il-proċeduri preżenti) sabiex isiru dawn is-sinjali kif hawn indikat.

F'dan l-istadju s-Sur Caruana qal li fiċ-ċirkustanzi li tinsab fihom il-Gudja, jekk hux possibbli li jsir assessar tal-immaniġġjar tat-traffiku fuq parkeġġ u linji sofor madwar il-Gudja.

117.3.4 Loading/unloading bay fi Triq William Baker (maz-zuntier biswit il-kampnar) u bil-ħinijiet stabbiliti u mhux b'mod indefinit. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jkun hemm dawn il-faċilitajiet u tinżamm aktar ordni.

Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni meħtieġa lit-TM (skont proċeduri preżenti) sabiex isiru dawn is-sinjali kif hawn indikati.

117.3.5 Iffriskar ta' linji sofor fi Vjal it-Torri. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol kif appena t-temp jippermetti.

117.3.6 Laqgħa l-Erbgħa 20 ta' Frar 2019 fis-2.00pm fil-bini ta' Transport Malta Ħal Lija mas-Sur Cohen u uffiċjali oħra tat-TM bil-possibilità li jattendi wkoll l-Onor Silvio Parnis Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali sabiex tiġi diskussa l-qagħda tal-parkeġġ fil-Gudja u l-eżitu tal-mozzjoni tal-Kunsill dwar din il-materja.

Is-Sindku fakkar dwar din il-laqgħa u ħeġġeġ lil kulħadd sabiex jattendu u jkunu solidali dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill sabiex jinkiseb dak meħtieġ b'risq il-komunità tal-Gudja.

117.3.7 Fondi ta' €10,000.00 mir-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal li sa xi ftit żmien ilu, ir-Reġjun kien alloka dawn il-fondi sabiex isiru xogħlijiet fi Triq iż-Żebbuġa. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill kien qabel li x-xogħol ta' Triq iż-Żebbuġa sejjer isir b'materjal tal-lava u mhux bl-asfalt u peress li l-Kunsill anke kiseb fondi oħra (Development Planning Fund) dwar dan ix-xogħol, il-Kunsill jista' juża dawn il-fondi ta' €10,000.00 f'xogħol ieħor fi bnadi oħra. Il-Kunsill qabel li dawn il-fondi jistgħu jintużaw fi bandi oħra fosthom fis-service road ta' Triq Ħal Tarxien (fejn ir-residenzi) u għalhekk għandu jinkiseb l-pariri tal-Perit tal-Kunsill dwar il-BOQ tax-xogħol siewi u fiċ-ċirkustanzi anke jimxi b'direct order peress li qed ikun ferm diffiċli li jinsab kuntrattur għal xogħlijiet relattivament żgħar.

117.3.8 MED Design invoices. Is-Sindku qal li hemm invoices pendenti ta' €2569.98. Saret diskussjoni dwar ix-xogħlijiet kif ukoll ħsarat li rriżultaw wara iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit u għalkemm is-Sindku kien tal-fehma li dawn l-invoices għandhom jitħallsu peress li l-Perit ma kellu x'jaqsam xejn dwar dawn il-ħsarat meta saru dawn ix-xogħlijiet inkwistjoni. Is-Sur Sammut ressaq proposta li ġie ssekondata mis-Sur Caruana li l-Kunsill għandu jħallas biss €1061.28. Saret votazzjoni. Is-Sur Fenech asstjena peress li f'dak iż-żmien ma kienx jifforma parti mill-Kunsill.

Is-Sindku vvota kontra l-proposta. Is-Sinjuri Sammut u Caruana vvutaw favur. Il-proposta għaddiet.

L-Kunsill approva li titħallas biss is-somma ta' €1061.28 peress li l-invoices dwar xogħol disputibbli ma għandhomx jitħallsu.

117.3.9 Minuti tal-laqgħa pubblika li saret it-Tnejn 28 ta' Jannar 2019 fis-7pm. Is-Sindku qal li skont il-proċeduri dawn il-minuti għandhom jiġu diskussi mill-Kunsill fl-ewwel laqgħa li jmiss tal-Kunsill u għalhekk huwa kien qed iressaq dawn il-minti għad-diskussjoni f'din il-laqgħa tat-18 ta' Frar 2019.

a. Siġar tal-ficus (rubber plant) fejn il-Qalb ta' Ġesù u nħawi oħra fil-Gudja. Is-Sur Caruana qal li waqt din il-laqgħa kien jidher ċar li residenti qed jilmentaw dwar il-ħsara ta' dawn is-siġar fl-inħawi u fl-ambjent. Il-Kunsill qabel li għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex dawn is-siġar jinqalgħu kemm jista' jkun malajr.

b. Problema ta' parkeġġ għar-residenti tal-Gudja. Saret diskussjoni dwar i l-parkeġġ fil-Gudja li qed ikun kawża ta' inkwiet fil-komunità tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li bħalma diġà għamel il-Kunsill sejjer ikompli jaħdem sabiex jinsabu soluzzjonijiet meħtieġa u li r-residenti tal-Gudja jkollhom ħajja aħjar.

   Il-Kunsill qabel li jkompli jaħdem u jinsisti sabiex l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jkun parti mis-soluzzjoni.

c. Problema ta' ħamiem selvaġġ. Dwar il-problema tal-ħamiem, il-Kunsill qabel li jkompli jsegwi d-direttivi tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali peress li jidher li l-AKL qed taħdem dwar soluzzjoni dejjiema f'dan ir-rigward.

   F'għeluq tad-diskussjoni s-Sindku qal li waqt il-laqgħa pubblika huwa ħass li sar diskors fejn wieħed qisu ta x'jifhem li l-Kunsill qatt ma għamel xejn fuq il-problema tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja.

   Is-Sindku saħaq illi l-Kunsill dejjem ħa ħsieb sabiex tinstab soluzzjoni dwar il-parkeġġ u dak li għamel il-Kunsill huwa ċar u determinat. Is-Sindku qal li l-laqgħa għall-pubbliku hija maħsuba sabiex il-Kunsill jisma' dak li jridu r-residenti.

Is-Sur Fenech stqarr li l-punti li qajjem huwa waqt il-laqgħa kemm dak li jagħmel il-Kunsill għandu jkun aktar visibbli u li l-Kunsill mhux qed isib koperazzjoni speċjalment mingħand it-TM.

Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

**117.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

117.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**117.5.0 Rapporti**

117.5.1 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Siġar tal-akaċja f'Tal-Mitħna. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jieħu passi mal-ERA sabiex dawn is-siġar jinqalgħu għax qed ikunu ta' ħsara għas-saħħa pubblika. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut.

b. TCTC Robotika. Is-Sur Sammut qal li dan huwa programm ta' interess kemm għall-Kunsill kif ukoll għal tfal u żgħażagħ residenti tal-Gudja. Tqajjem punt li l-Kunsill ma għandux il-post addattat għal dan it-taħriġ peress li huwa ferm mixtieq li dawk li jixtiequ jattendu jibqgħu fil-Gudja.

Issemmew bosta postijiet possibbli.

Il-Kunsill qabel li jkompli jinkiseb aktar tagħrif dwar il-possibiltajiet u l-Kunsill jiġi infurmat dwar dan mis-Sur Sammut fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

117.5.2 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Ġbir ta' skart fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ, il-Gudja. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni li dan l-iskart għandu jinġabar mill-aktar fiss possibbli.

b. Xogħol ta' asfaltar fi Triq F. Castagna. Is-Sur Caruana qal li jidher li x-xogħol mill-Infrastructure Malta f'din it-triq jidher li waqaf ħesrem. Is-Sindku wieġeb li sa ma' jaf kien hemm xi diffikultajiet tekniċi u jifhem li x-xogħol sejjer ikompli fi żmien qasir.

c. Ġnien iż-Żgħażagħ. Is-Sur Caruana qal li f'dan il-lok hemm kamp żgħir u xi nies kienu qed jorqdu f'dan il-kamp. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-Pulizija dwar dan.

d. Ħmieġ tal-klieb madwar il-Gudja. Is-Sur Caruana qal li dan il-ħmieġ żdied u l-Kunsill għandu jara li jkun hemm aktar bins għal ġbir ta' dan l-iskart u tinżamm aktar indafa.

117.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Monument tal-Gudja. Is-Sur Fenech qal li issa li saret l-għażla finali l-Kunsill, għandu jkompli billi jqabbad il-Perit sabiex jagħmel l-applikazzjonijiet meħtieġa kif ukoll jinsab l-kuntrattur professjonali magħruf fil-ħidma tal-monumenti sabiex dan il-monument ikun fil-post magħżul (fir-roundabout biswit Palazzo d'Aurel) sa Jum il-Gudja 2019.

b. Mistoqsijiet li qed jitqajmu fil-midja soċjali. Is-Sur Fenech qal li fil-fehma tiegħu qed jitqajmu diversi mistoqsijiet dwar Ġnien Ġlormu Cassar u d-dawl tat-toroq fil-Gudja.

   Is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill huwa infurmat illi ħarġet it-tender ta' dan il-Ġnien u peress li saru l-preparazzjonijiet meħtieġa jidher li x-xogħlijiet jistgħu jibdew dalwaqt.

   Is-Sindku qal li jekk ikun mixtieq il-Kunsill jitlob laqgħa mal-Perit inkarigat għalkemm dan il-proġett mhux qed ikun iffinanzjat mill-Kunsill.

   Dwar id-dawl tat-toroq, il-Kunsill jara li dawn it-tiswijiet isiru fil-pront iżda ġieli jkun hemm neċċesità li jsiru xogħlijiet mill-Enemalta li kultant jieħdu xi ftit ħin sabiex isiru.

c. Laqgħa ma' Jobs Plus. Is-Sur Fenech qal li huwa għandu jinsisti li l-Kunsill ikollu laqgħa mad-diriġenti tal-Jobs Plus sabiex jiġi mistħarreġ l-impatt tal-impjegati Torok li possibilment ikollu fuq il-Gudja.

**117.6.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

117.6.1 Triq iż-Żebbuġa – progress. Aġġudikazzjoni tat-tender nru glc-004/18R. Il-Kunsill ra r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' din it-tender fejn ir-rapport ġie approvat mill-Kunsill u għalhekk intgħażel il-kuntrattur LBV Ltd sabiex iwettaq dan ix-xogħol (fuq il-kriterja tal-irħas offerta). Il-Kunsill kiseb fondi ta' €71642.83 mingħand id-Development Planning Fund, fejn 30% ta' dawn il-flus diġà ngħataw lill-Kunsill. Huwa maħsub li dawn ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fiss possibbli.

117.6.2 Development Planning Fund – Ftehim – Triq iż-Żebbuġa, Triq J. Pace u Triq id-Dejqa. Il-Kunsill kiseb dawn il-fondi fejn €71642.83 għal Triq iż-Żebbuġa u €103741.87 għal Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa. Ħarġet t-tender għal xogħlijiet ta' pavimentar fi Triq J Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina u li qed jimxu skont il-proċeduri stabbiliti. Fi żmien opportun u wara li dawn it-tenders jiġu aġġudikati, il-Kunsill ikollu d-deċiżjoni finali dwar dawn ix-xogħlijiet.

117.6.3 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto-progress. Il-Kunsill ġie infurmat illi l-WSC ħarġet il-Letter of Acceptance rispettivi dwar ix-xogħlijiet meħtieġa mill-WSC.

Issa l-proġett qed jinsab fi stadju fejn il-kuntrattur magħżul RMS Ltd iġib il-garanzija bankarja meħtieġa u l-permessi tat-TM sabiex jingħata bidu ta' dan il-proġett.

**117.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

117.7.1 Il-lista ta' pagamenti nru 65/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €24798.48 ġiet approvata.

**117.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

117.8.1 Tabelli madwar il-Gudja. Il-Kunsill qabel li għandu jsir eżerċizzju dwar dawn it-tabelli li qdiemu u li għandhom bżonn jinbidlu. Il-Kunsill qabel li sinjali tat-traffiku li ċċaraw jiġu ffriskati kemm jista' jkun malajr.

117.8.2 Dawl fuq zebra crossing fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ ma' Dawret il-Gudja. Il-Kunsill qabel li għandu jinsisti mal-kuntrattur sabiex isir id-dawl meħtieġ.

117.8.3 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.10pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tnejn 25 ta' Marzu 2019 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv